**29 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Joseph Schembri**

**Eżekuzzjoni ta' Sentenza — Penali — Art. 316 u 90(4) tal-Liġijiet tal-Pulizija**

*Jekk wieħed, li b'sentenza ġie ordnat li juniforma ruħu mal-liġi, billi jagħmel xi xogħlijiet, taħt penali għal kull ġurnata ta' ritard, jiġi mħarrek biex jiġi kundannat iħallas penali korrispondenti għan-numru ta' ġranet li fihom huwa jkun naqas li jobdi dik is-sentenza, dan il-ġudizzju li jsir wara huwa ġudizzju ta' eżekuzzjoni, ossija likwidatorju, imma l-bażi tas-sentenza li tagħha tintalab l-eżekuzzjoni, u kwindi tal-istess eżekuzzjoni, hija l-penali komminata u nflitta bis-saħħa tal-liġi.*

*Huwa veru illi l-aventi kawża ta' possessur preċedenti ta' fond mhuwiex possibbli retroattivament għall-penali għaż-żmien li fih huwa ma kienx sid il-post, għax allura huwa ma setgħax jeżegwixxi s-sentenza; imma minn dak inhar li huwa akkwista l-fond il-liġi tikkunsidrah bħala dak li kontra tiegħu ġiet mogħtija dik is-sentenza, avvolja ġiet mogħtija kontra l-awtur tiegħu. Minn dak iż-żmien hu jkun, għalhekk, responsabbli mhux tan-nuqqas tal-predeċessur tiegħu, imma tan-nuqqas tiegħu stess.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'Pawla, f'dawn l-aħħar tliettax il-xahar, bħala l-persuna li għaddiet f'idejh minn għand Wenzu Teuma l-proprjetà tal-fond Old Temples Street numru 7, Tarxien, naqas li jagħmel ix-xogħol relattiv għall-kmamar bil-ħitan esposti għax-xita mhux tal-ħxuna li titlob il-liġi, skond kif ġie ordnat b'sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Novembru 1944, fiż-żmien ta' sena, taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum fin-nuqqas;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Diċembru 1957, li biha kkundannat lill-imputat għall-ħlas ta' £417. 12. 6 penali sat-18 ta' Diċembru 1957, salva kwalunkwe penali futuri; bi żmien xahar għall-ħlas;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-eċċezzjoni tal-imputat dwar iċ-ċitazzjoni tal-art. 316 Kap. 13 Ediz. Riv. fis-sentenza appellata ma hix fondata; għaliex, għalkemm hu veru li dan hu ġudizzju ta' eżekuzzjoni, ossija likwidatorju, hu anki veru li l-bażi tas-sentenza, li tagħha qegħedha tintalab l-eżekuzzjoni, u kwindi tal-istess eżekuzzjoni, hija l-penali, komminata u nflitta bis-saħħa ta' dak l-artikolu;

Kwantu għall-kontestazzjoni l-oħra tal-imputat, għalkemm hu veru li l-interpretazzjoni tal-art. 90(4) tal-Kap. 13 ma tistgħax tiġi sfurzata fis-sens li tirrendi l-aventi kawża fil-proprjetà tal-fond passibbli retroattivament tal-penali għaż-żmien li fih ma kienx sid il-fond, għax allura hu ma setgħax jeżegwixxi s-sentenza, hu, però, ukoll veru li, minn mindu xtara, il-liġi tikkunsidrah bħala dak li kontra tiegħu ġiet mogħtija s-sentenza, u kwindi minn dak iż-żmien hu għandu l-obligu li jeżegwixxi s-sentenza taħt il-penali kif ordnat il-Qorti fis-sentenza ta' qabel, avvolja mogħtija kontra l-awtur tiegħu; minn dak iż-żmien hu jkun, għalhekk, responsabbli mhux tan-nuqqas tal-predeċessur tiegħu, imma tan-nuqqas tiegħu stess;

Mill-kopja tal-att tal-akkwist, eżibita man-nota tal-imputat tat-13 ta' Marzu 1958, jidher li hu akkwista fl-1946, u minn dak iż-żmien hu sar passibbli tal-penali f'każ ta' nuqqas;

Issa, fiċ-ċitazzjoni qegħdha tintalab il-penali għal "wara" dak iż-żmien, ċjoè mill-1948, u kwindi għaż-żmien li fih kien sid l-imputat;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-kundanna tal-imputat għal'-ħlas ta' £417. 12. 6 bħala penali għall-perijodu mis-26 ta' Ottubru 1948 sat-18 ta' Diċembru 1957, salva l-penali għan-nuqqas ulterjuri;

Ma ġiex kontrastat li l-ħitan ma ġewx irdublati; u, del resto, dan jirriżulta mix-xhieda tal-Building Inspector Lanzon;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; b'dan li l-imputat jista' jħallas il-penali b'rati mensili ta £12 fix-xahar; l-ewwel waħda titħallas żmien xahar mil-lum, u hekk minn xahar għal xahar, taħt is-sanzjonijiet tal-liġi in materja.